MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 57/2014

A B

vs

C D f'isimha proprju u kif ukoll bhala kuratrici ad litem ta' binha l-minuri E D u Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponent kellu relazzjoni ntima ta' cirka tliet snin mal-intimata C D;
2. Illi minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija tas-sess maskili li nghata l-isem ta' E nhar it-2 ta' Lulju tas-sena 2012 kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid markat Dok A;
3. Illi fil-mument meta l-intimata marret biex tirregistra dan it-twelid mad-dipartiment tal-intimat Direttur, l-esponent u l-intimata kienu ghaddejjin minn perjodu ta' inkwiet bejniethom u ghalhekk omm it-tarbija rregistrat dan it-twelid biss fuq isimha u kwindi taht il-kolonna missier it-tarbija tat struzzjonijiet biex jigi mnizzel bhala missier mhux maghruf u dana kif jirrizulta mill-istess certifikat tat-twelid Dok A registrat mad-Dipartiment tad-Direttur intimat taht in-numru progessiv 3313 fid-data tas-26 ta' Lulju 2012;
4. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi din l-informazzjoni moghtija fuq ic-certifikat ta' dan il-wild huwa erroneju peress illi l-intimata kienet taf ben tajjeb li l-missier naturali ta' dan il-wild huwa proprju r-rikorrenti A B u dana kif sejjer jigi wkoll ipprovat ahjar waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri;
5. Illi r-rikorrenti ghandu interess li jirrikonoxxi lill-imsemmi minuri bhala l-wild naturali tieghu u li d-dettalji kollha tieghu jigu debitament annotati fic-certifikat tat-twelid ta' ibnu E D kif ser jigi elaborat ahjar f'aktar dettal u bil-gurament tieghu waqt is-smigh tal-provi;
6. Illi ghalkemm imsejha diversi drabi biex tirregolarizza dan in-nuqqas, l-intimata baqghet dejjem tirrifjuta u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;
7. Illi l-fatti fuq esposti huma maghrufa personalment lir-rikorrent A B;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Qorti thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi li l-missier naturali tal-minuri E D huwa l-istess rikorrenti A B;
2. Tordna konsegwentement lill-intimat Direttur sabiex jiskrivi l-korrezzjoni relattiva u opportuna fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri E D mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 3313 tas-sena 2012 billi taht il-kolonna missier it-tarbija jigu mhassra l-kliem missier mhux maghruf u minflok jiddahhlu l-isem u d-dettalji

kollha necessarji tar-rikorrenti cioe' A B, iben Halifa u Sliema nee Ierru mwieled Tripoli Libja u residenti l-Mosta li ghandu l-passaport Libjan bin-numru 281398;

3. Tordna lill-istess intimat Direttur sabiex jippubblika att tat-twelid iehor hekk kif korrett;
4. Taghti u jew tordna kull provvediment iehor li jkun jidhrilha necessarju u opportun;

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunta personalment ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament din l-azzjoni tidher li hija intempestiva għaliex ma kienitx preċeduta minn ittra uffiċjali kif hekk jirrikjedi l-**Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi in vena preliminari wkoll, għallinqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha C D ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri E D skont id-dettami tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

3. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi bla ħsara għall-premess f'każ li tintlaqa' l-ewwel t-talba attriċi l-esponenti jinvita lill-intimat B A sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri E, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel E. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi E D bin-numru ta' reġistrazzjoni 3313 tas-sena 2012 (Dok. A);

5. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri E D a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

6. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta guramentata u b'hekk hija kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' ta' E D *stante* li r-rikorrent jikkontendi li frott tar-relazzjoni li kellu mal-intimata C D, nhar it-2 ta' Lulju 2012[1] twieled l-istess imsemmi minuri E. Ic-certifikat tal-istess minuri jindika pero' li l-missier m'huwiex magħruf.

Min-naha taghha, l-intimata, ghalkemm debitament notifikata, ma tipprezenta ebda risposta guramentata u konsegwentement hija kontumaci. Hija lanqas ma taghti x-xiehda taghha f'dawn il-proceduri.

**<u>Verzjoni tal-Attur</u>**

Permezz tax-xiehda tieghu datata l-4 ta' Frar 2015[2], l-attur jiddikjara li kellu relazzjoni mal-intimata ghal diversi snin. Jghid ukoll li l-minuri E huwa ibnu u huwa frott l-istess relazzjoni b'dan li kien prezenti wkoll ghat-twelid tieghu. Jiddiskrivi r-relazzjoni taghhom bhala wahda fejn "naghmlu zmien u tiggieled mieghi u nitilqu u hekk"[3]. Fuq mistoqsija tal-Qorti dwar jekk hux cert li l-intimata ma kellha lil hadd aktar f'hajjitha u jekk ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma' haddiehor, l-attur jghid li hu cert li le u li barra minn hekk, huwa cert li l-minuri huwa ibnu ghaliex "fula maqsuma mieghi"[4]. Jghid li l-intimata giet ukoll arrestata mill-Pulizija meta marret tixrob f'bar bit-tarbija b'kollox.

[1] Esebit a fol 4 tal-process
[2] Ara x-xhieda tieghu esebita a fol 28 tal-process
[3] Ara a fol 29 tal-process
[4] Ibid

**Il-Mertu tal-Kaz Odjern**

Għal finijiet ta' kompletezza jrid jinghad li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jressaq numru ta' eccezzjonijiet, li tnejn minnhom u cioe' l-ewwel tnejn huma ta' natura preliminari, izda l-Qorti taghmel referenza ghall-verbal ta' nhar l-4 ta' Frar 2015 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet qablu li l-ewwel żewg eccezzjonijiet tal-konvenut direttur gew sorvolati u kwindi l-istess l-istess Direttur (tramite l-avukat rapprezentant tieghu) ddikjarat li m'hijiex tinsisti fuqhom. Dan necessarjament ifisser li l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari gew survolati u kwindi jibqa' biss il-mertu dwar il-paternita' tal-istess minuri.

Il-Qorti tirrileva li fil-mori tal-kawza odjerna, l-unika xiehda li tressqet kienet dik tal-attur stess. L-intimata ma tressqitx sabiex taghti x-xiehda taghha u lanqas ma sar xi test tad-DNA li permezz tieghu seta' jigi konfermat b'mod xjentifiku li dan il-minuri huwa l-wild naturali tal-attur. Jibqa' l-fatt pero' li din il-Qorti trid toqghod fuq il-provi mressqa quddiemha. Jekk l-intimata kellha xi forma ta' interess li toġġezzjona għat-talbiet tal-attur kien imissha ntavolat risposta ġuramentata jew għall-anqas tidher biex tagħti x-xiehda tagħha. Il-Qorti f'dawn iċ-ċirkustanzi, ma tistax ma tagħtix widen ta' dak li jsostni l-attur. Wara kollox m'hemm xejn mill-assjem tal-provi li jindika li l-istess attur m'huwiex qed jghid il-verita'.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri E D;

(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri E D bin-numru ta' iskrizzjoni 3313 tas-sena 2012, ihassar il-kliem 'missier mhux maghruf' u minflok idahhal id-dettalji kollha ta' A B iben Halifa u Sliema Ierru, bil-Passaport Libjan bin-numru

281398, mwieled fi Tripoli gewwa l-Libja li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kellu 35 sena u kien residenti l-Mosta.

(3) Tordna wkoll li kunjom il-minuri jkun dak ta’ B D.

Bl-ispejjez kontra l-intimata C D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------